MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF

## DAVID SCICLUNA

Seduta tas-26 ta' Marzu, 2014

Appell Kriminali Numru. 19/2012

Il-**Pulizija**

**v.**

**Maximilian Ciantar**

**Il-Qorti:**

**1.** Rat l-imputazzjonijiet miġjuba mill-Pulizija Eżekuttiva kontra Maximilian Ciantar, detentur tal-karta tal-identita` numru 75690(M), talli nhar-id 9 ta' Novembru 2011 għall-ħabta tas-7.30 ta' filgħaxija ġewwa dawn il-Gżejjer:

(1) saq vettura tal-għamla Toyota Vitz bin-numru ta’ reġistrazzjoni KIM-324 matul il-perijodu illi huwa kien skwalifikat milli jkollu liċenzja tas-sewqan;

(2) fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, bil-ħsieb biss li jagħmel użu temporanju minn vettura tal-għamla Toyota Vitz bin-numru ta’ reġistrazzjoni KIM-324, għamel dan mingħajr ma kellu kunsens tas-sid tal-imsemmija vettura;

(3) fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi saq vettura tal-għamla Toyota Vitz bin-numru ta’ reġistrazzjoni KIM-324 mingħajr ma kellu liċenzja tas-sewqan maħruġa minn Transport Malta taħt dik il-kategorija għall-imsemmija vettura;

(4) fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi saq vettura tal-għamla Toyota Vitz bin-numru ta’ reġistrazzjoni KIM-324 mingħajr ma kien kopert b’polza tas-sigurta` dwar riskji għal terzi persuni;

(5) kiser il-provvediment ta’ l-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta’ Malta b’sentenza mogħtija lilu fit-23 ta’ Settembru 2010 mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta), liema sentenza saret definittiva u ma tistax tiġi mibdula.

Il-Qorti ġiet mitluba li f’każ ta’ ħtija tqis lill-imsemmi Maximilian Ciantar bħala li sar reċidiv ai termini ta’ l-artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta’ Malta wara li kien misjub ħati b’diversi sentenzi mogħtija lilu mill-Qrati ta’ Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula.

Il-Qorti ġiet mitluba illi tiskwalifika lill-istess Maximilian Ciantar milli jkollu jew milli jikseb liċenzja tas-sewqan għal dak it-tul ta’ żmien li jidhrilha xieraq u kif ukoll tordna l-konfiska tal-vettura Toyota Vitz bin-numru ta’ reġistrazzjoni KIM-324.

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tas-6 ta' Jannar 2012 li permezz tagħha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi Maximilian Ciantar ħati skond l-akkuża b'assorbiment għall-fini ta' piena tat-tielet imputazzjoni fl-ewwel imputazzjoni u, wara li rat l-artikoli 59, 61(1), 15(1) tal-Kap. 65 tal-Liġijiet ta' Malta, l-artikolu 3 tal-Kap. 104 tal-Liġijiet ta' Malta, l-artikkoli 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta u l-artikolu 23 tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta, ikkundannat lill-imsemmi Maximilian Ciantar għal tliet xhur priġunerija li minnha jrid jintaqqas iż-żmien li qatta f'arrest preventiv, ikkundannatu jħallas multa ta' elf mija u ħamsa u sittin euro (1,165) li għandhom jiħallsu fi żmien sitt xhur b'rati mensili, u ordnat is-sospensjoni tal-liċenzja tas-sewqan tiegħu għal perijodu ta' sena. Ċaħdet it-talba tal-prosekuzzjoni għall-konfiska tal-vettura KIM-324, liema vettura hija proprjeta` ta' Emanuel Ciantar u li ma jirriżultax li l-istess Emanuel Ciantar ta l-permess tiegħu lill-imsemmi Maximilian Ciantar biex isuq il-vettura ndikata, anzi jirriżulta proprjament il-kuntrarju;

**3.** Rat ir-rikors ta' appell ta' l-Avukat Ġenerali ppreżentat fis-17 ta' Jannar 2012 fejn talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonferma dik il-parti fejn l-imsemmi Maximilian Ciantar instab ħati ta' l-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu, tikkonferma wkoll l-iskwalifika tal-liċenzja tas-sewqan għal perijodu ta' sena, filwaqt li tirrevokaha fil-bqija fis-sens li tordna l-konfiska tal-vettura KIM-324 ai termini ta' l-artikolu 3(2)(c)(i) tal-Kap. 104 tal-Liġijiet ta' Malta u timponi piena fil-parametri tal-liġi u aktar idoneja;

**4.** Rat l-atti kollha tal-kawża; rat il-fedina penali aġġornata ta' Maximilian Ciantar esebita mill-prosekuzzjoni b'ordni ta' din il-Qorti; semgħet it-trattazzjoni; ikkunsidrat:

**5.** Fl-appell tiegħu l-Avukat Ġenerali jgħid illi l-ewwel Qorti għamlet applikazzjoni żbaljata tal-liġi peress illi ma applikatx il-konfiska tal-vettura ai termini tal-Kap. 104 tal-Liġijiet ta' Malta kif ukoll ma erogatx piena idoneja.

**6.** B'referenza għan-nuqqas ta' konfiska, l-Avukat Ġenerali jirreferi għall-artikolu 3(2)(ċ)(i) tal-Kap. 104 li jipprovdi: **"meta r-reat ikun jikkonsisti fl-użu ta' vettura bil-mutur fi triq minn min ikun sid il-vettura bil-mutur jew minn impjegat ta', jew minn membru tal-familja ta' u li jkun jgħix ma', sid il-vettura bil-mutur, u ma jkunx hemm fis-seħħ polza tal-assigurazzjoni dwar din il-vettura skont ma għandha tkun taqbel mal-ħtiġijiet ta' din l-Ordinanza, il-qorti għandha, b'żieda mal-pieni indikati f'dan is-sub-paragrafu, tordna l-konfiska tal-vettura bil-mutur"**. Il-provi juru li Maximilian Ciantar kien jgħix ma' missieru Emanuel Ciantar u għalhekk l-ewwel Qorti kellha tordna l-konfiska tal-karozza, u dan irrispettivament mill-kunsens o meno ta' sid il-vettura.

**7.** Issa, minbarra li huwa ċertament kontradittorju illi l-imsemmi Maximilian Ciantar jinstab ħati li saq il-vettura in kwistjoni mingħajr ma kellu l-kunsens tas-sid u fl-istess waqt issir il-konfiska tal-vettura – djametrikament oppost għal dak li nsibu fl-artikolu 23(1) tal-Kodiċi Kriminali li jistipula li persuna li ma tkunx ħadet sehem fid-delitt, ikollha jedd fuq l-oġġetti li altrimenti jistgħu jiġu konfiskati – minn dak li xehed Anthony Savona f'isem Fogg Insurance, jidher illi kien hemm assigurazzjoni li kienet, pero`, teskludi lil Maximilian Ciantar. Kwindi t-talba ta' l-Avukat Ġenerali għall-konfiska tal-karozza qed tiġi miċħuda.

**8.** L-Avukat Ġenerali jilmenta wkoll illi l-piena ta' tliet xhur priġunerija u multa ta' €1,165 ma kinitx piena idoneja, u partikolarment in kwantu l-multa hija taħt il-*minimum*. Skond l-Avukat Ġenerali l-imsemmi Ciantar seta' weħel multa ta' mhux anqas minn ħamest elef, tmien mija u tlieta u għoxrin euro u tlieta u erbgħin ċenteżmu (€5,823.43) iżda ta' mhux iżjed minn sitt elef, disa' mija u tmienja u tmenin euro u tnax-il ċenteżmu (€6,988.12) jew priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn sena, jew il-multa u l-priġunerija flimkien, u dan a tenur ta' l-artikolu 3(2)(ċ) tal-Kap. 104.

**9.** Issa, in materja ta' piena l-prinċipju regolatur huwa li din il-Qorti mhux normali li tiddisturba d-diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti fl-għoti tal-piena sakemm din ma tkunx toħroġ barra mil-limiti stipulati fil-liġi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas jew aktar minn dik li tkun fil-fatt ingħatat[1].

**10.** L-Avukat Ġenerali huwa korrett meta jgħid illi l-piena ta' priġunerija hi fil-parametri tal-liġi. Kwantu għall-multa, jiġi osservat illi l-artikolu ċitat mill-Avukat Ġenerali jipprovdi tliet alternattivi ta' piena, multa jew priġunerija jew multa u priġunerija flimkien. Jiġifieri għar-raba' imputazzjoni l-ewwel Qorti setgħet tiddeċiedi li tittratta ma' l-imsemmi Ciantar billi teroga piena ta' priġunerija biss (hekk ukoll fir-rigward ta' l-ewwel u t-tieni imputazzjonijiet). Di piu`, il-piena ta' priġunerija erogata (considerando wkoll l-applikazzjoni ta' l-artikoli 17(b) u 17(h) tal-Kodiċi Kriminali jekk l-ewwel Qorti għażlet dan il-mod ta' trattament fir-rigward ta' l-ewwel erba' imputazzjonijiet) mhux biss hi fil-parametri tal-liġi iżda langas ma hi fil-*minimum*. Jekk l-ewwel Qorti għażlet li tittratta ma' l-imsemmi Ciantar għar-raba' imputazzjoni billi teroga piena ta' priġunerija biss, allura l-multa nflitta mhijiex taħt il-*minimum*. Fil-fehma ta' din il-Qorti ma jidhirx illi l-ewwel Qorti kellha l-intenzjoni li teroga multa fir-rigward tar-raba' imputazzjoni meta l-anqas multa possibbli fejn si tratta ta' l-ewwel reat ta' sewqan ta' vettura mingħajr assigurazzjoni hi ta' €2,329.37. Fil-każ odjern fil-fatt ma kienx l-ewwel reat tax-xorta tiegħu, u allura l-multa minima kienet tkun dik ta' €5,823.43. Jidher ċar għalhekk li l-ewwel Qorti għażlet xort'oħra kif intqal.

**11.** Fis-sentenza tagħha l-ewwel Qorti qalet li waslet għall-piena wara li ħadet in konsiderazzjoni "l-isfida ta' l-imputat għal kull awtorita` kompetenti, l-eta` tiegħu, il-fedina penali tiegħu u ċ-ċirkostanzi kollha tal-każ". Frankament m'hemmx aktar x'seta' jiġi kkunsidrat. Fiċ-ċirkostanzi għalhekk din il-Qorti ma

[1] Ara, fost ohrajn, Appelli Kriminali: **Il-Pulizija vs Nikola Farrugia et**, 2 ta' Ottubru 2002; **Il-Pulizija vs Maurizio Massimiliano**, 13 ta' Novembru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs David Vella**, 14 ta' Gunju 1999; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Eleno sive Lino Bezzina**, 24 ta' April 2003.

tarax li tista’ takkolji t-talba ta’ l-Avukat Ġenerali biex tiddisturba d-diskrezzjoni ta’ l-ewwel Qorti kif eżerċitata.

**12.** Għal dawn il-motivi tiddeċiedi billi tiċħad l-appell ta’ l-Avukat Ġenerali in kwantu ntalbet il-konfiska tal-vettura KIM-324 ai termini ta’ l-artikolu 3(2)(c)(i) tal-Kap. 104 tal-Liġijiet ta’ Malta u in kwantu ntalab li tingħata piena “aktar idoneja”.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------